MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2003

Citazzjoni Numru. 453/1999/1

**Magdalene Farrugia**

**vs**

**Saviour Farrugia**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti ghaddew ghall-cerimonja taz-zwieg fis-17 ta’ Marzu 1991 kif jirrizulta mill-anness certifikat Dok “A”.

Illi l-kunsens tal-partijiet hu vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha;

Illi l-kunsens tal-attrici kien vizzjat minhabba li nkiseb bi vjolenza morali u biza';

Illi l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara z-zwieg celebrat fis-17 ta' Marzu 1991 bejn il-kontendenti null u bla effett *ai termini* tal-**artikolu 19 tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 3 sa 5 tal-process;

Rat il-verbal tas-seduti tas-16 ta' Settembru 1999; u tas-14 ta' Jannar 2000.

Rat ir-rikors tal-attrici datat 23 ta' Marzu 2000 fejn talbet l-awtorizzazzjoni sabiex il-konvenut jigi notifikat bil-procedura tal-pubblikazzjoni.

Rat id-digriet sussegwenti tal-Qorti tat-28 ta' Marzu 2000 fejn laqghat it-talba b'dan li jigi osservat dak indikat fl-**artikolu 187 (3) tal-Kap 12.**

Rat estratt mill-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta numru 16,932 tal-Gimgha, 7 t'April 2000 fejn turi l-istess avviz tac-citazzjoni attrici bl-avviz tas-smiegh.

Rat in-nota tal-attrici datata 12 ta' Mejju 2000 li permezz taghha pprezentat estratt minn gazzetta lokali tat-2 ta' Mejju 2003 fejn gie ppubblikat l-avviz tal-kawza.

Rat il-verbali tad-29 ta' Mejju 2000; tad-9 t'Ottubru 2000; tat-8 ta' Novembru 2000; tal-4 ta' Dicembru 2000; tat-2 ta' Mejju 2001 fejn il-Qorti nnominat lil Dr. Sandra Sladden bhala Perit Legali biex tigbor il-provi u tirrelata; tat-13 ta' Novembru 2001; tal-21 ta' Marzu 2002 fejn il-kawza giet

differita biex tkompli tinstema' minn din il-Qorti kif prezentament presjeduta mill-Onor. Imhallef Raymond C. Pace; tal-20 ta' Gunju 2002 fejn inghata digriet tal-affidavit tal-partijiet b'terminu ta' erbghin (40) gurnata kull wiehed. Il-Qorti ordnat lill-Perit Legali tiffissa l-ahhar zewg seduti ghall-provi kollha li fadal tal-partijiet, u wara tirrelata; tat-22 ta' Jannar 2003; tad-29 ta' Jannar 2003; tat-12 ta' Marzu 2003; tat-2 t'April 2003 fejn il-Perit Legali halfet ir-rapport. Dr. Christine Bondin ghall-attrici rrimettiet ruhha ghar-rapport. Il-konvenut imsejjah diversi drabi baqa' ma deherx. Il-Qorti pprefiggietlu terminu ta' ghoxrin (20) gurnata sabiex jipprezenta nota t'osservazzjonijiet. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta' Novembru 2003.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali u s-seduti minnha mizmuma, ix-xhieda hemm moghtija u d-dokumenti hemm esebiti.

Rat li l-konvenut minkejja li gie notifikat bic-citazzjoni attrici u bl-avviz tas-smiegh permezz tal-procedura tal-pubblikazzjoni baqa' ma pprezenta l-ebda nota tal-eccezzjonijiet u ghalhekk baqa' kontumaci.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

### (i) <u>PROVI PRODOTTI.</u>

Illi **l-attrici** xehdet illi qabel izzewwget kienet ilha taf lill-konvenut disa' xhur u kellha (19) dsatax-il sena. F'dawn id-disa' xhur kienu jiltaqghu darba fost il-gimgha u fil-*weekend* u kienet aktar qisha hbiberija milli gheruisja. Wara disa' xhur l-attrici nqabdet tqila u kif qalet lill-konvenut kien irrispondiha *"dan tieghi?"* peress illi ma kienux johorgu flimkien bis-serjeta'. Il-kontendenti ma kellhom ebda hsieb sabiex jizzewgu izda l-attrici xehdet illi ma kelliex ghazla peress illi kienet tibza' hafna minn ommha. Ommha kienet iebsa hafna u qatt ma kien hemm

komunikazzjoni maghha. Fil-fatt kif qaltilha kienet haditha bi kbira hafna u *“kienet qaltli biex nizzewweg”.*

Illi l-kontendenti izzewgu fi zmien tliet xhur u l-inkwiet beda mill-ewwel. L-attrici tghid illi *“Ma stajniex nidraw il-karattru ta’ xulxin u ma konniex ippreparati ghal dak il-piz. Konna niggieldu u gieli gejna fl-idejn”.*

Illi l-kontendenti kienu marru joqoghdu fil-post fejn kien ighix il-konvenut bhala guvni u ma kienu ghamlu l-ebda preparamenti, lanqas fid-dar - *“Ma kellna l-ebda pjan ghall-futur… jiena ma kontx hsibt fil-konsegwenzi tal-hajja mizzewwg ... ahna ma kellna lil hadd minn jifthilna ghajnejna”.* Iz-zwieg dam biss sena u disa’ xhur, wara liema zmien l-attrici telqet ghax ma felhitx aktar.

Illi l-attrici xehdet illi *“jien ma kontx ser nghidilhom li mhux ser nizzewweg ghax tghidx x’kienu jamluli”.* Il-genituri tal-attrici *strict* hafna u jaghtu kaz hafna ta’ dak li jghidu n-nies. Il-genituri tal-attrici ilhom sitt snin ma jkellmu lill-attrici ghax l-attrici bdiet tkellem lill-guvni iehor u fil-fatt anke fethulha kawza sabiex jiehdu l-kustodja tat-tifla taghha,

Illi hekk kif il-kontendenti nfirdu, l-konvenut qata’ l-kuntatt maghha u mat-tifla kompletament.

Illi **Carmen Bal** xehdet illi hi habiba tal-attrici u trabbew flimkien. Kienu girien u dejjem flimkien - *“ahna konna bhal ahwa ghax konna nkunu hafna ghand xulxin”.* Qabel ma l-attrici bdiet tohrog mall-konvenut kienu jmorru id-*disco* flimkien u tixhed illi l-attrici qatt ma semmitilha zwieg**.**

Illi dwar il-karattru ta’ omm l-attrici, Carmen Bal tghid illi *“ommha strict hafna, rasha iebsa u ghandha karattu difficli hafna …. Omm l-attrici kienet haditha bi kbira hafna illi l-attrici harget tqila. Fil-fatt omm l-attrici riedet li l-attrici tizzewweg bilfors ghax inkellha ma zzommhiex go darha. Avolja l-attrici zzewget, ommha kienet tippretendi li tibqa’ tikkontrollaha”.* Carmen Bal tghid illi omm l-attrici m’ghadiex tkellimha ghax hi habiba tal-attrici.

Illi **Mary Scicluna**, li tigi omm l-attrici bdiet ix-xhieda taghha billi qalet *“jien u t-tifla l-attrici ma mmorrux tajjeb”.* Dwar ir-reazzjoni taghha meta l-attrici qaltilha li tqilha, omm l-attrici qalet *“meta sirt naf li harget tqila jien irrabjajt hafna. Pero jien ma ghidtiliex x’tghamel …. Meta sirt naf li tqila nqala’ pandimonju shih id-dar. Jien ma kontx ftahtilha ghajnejha biex ma tizzewwigx …. Id-dar inqala’ pandimonju ghax hadniha bi kbira wisq”.*

Illi tant kienu haduha bi kbira illi *“… missierha kien qalilha biex tikkonsidra taghmel abbort. Dan qalulha quddiemi”.*

Illi omm l-attrici kkonfermat li fethitilha kawza ghall-kura u kustodja tat-tifla u li ilhom ma jitkellmu snin twal ghax ma tapprovax il-hajja li qeghda tghix it-tifla.

Illi rigward ir-rwol taghha fil-familja, Mary Scicluna tghid illi fil-familja hi tikkmanda ghax ir-ragel taghha maghmul kwiet.

Illi omm l-attrici xehdet li wara li zzewget l-attrici, ohtha Simone kienet qaltilha li l-attrici qaltilha li ser tizzewweg lill-konvenut ghax inqabdet tqila biss, ghax ma kenitx taqbel mal-konvenut.

Illi rigward il-konvenut, omm l-attrici tghid li bniedem kiesah u mhux bil-ghaqal.

Illi **Simone Scerri**, li tigi oht l-attrici tghid illi *“ahna konna nibzaw mill-genituri taghna u ma konniex nisfidawhom. Ma kienx hemm komunikazzjoni bejnietna. Ohti kienet izzewget bil-ghaggla. Ohti ma kelliex ghazla ohra”.*

Illi Simone Scerri tghid li ohtha dejjem qaltilha li, li kieku ma kienx ghat-tarbija ma kienitx tizzewweg ghax qatt ma kellha qalbha marbuta mal-konvenut. Fil-fatt kien joghgobha guvni iehor u dejjem kienet issaqsiha ratux.

Illi Simone Scerri ukoll kienet harget tqila u tghid illi hi wkoll kellha tizzewweg ghax ma kellhiex ghazla ohra.

**(ii) KONSIDERAZZJONIJIET TA' DRITT.**

Illi fit-tieni premessa tac-citazzjoni l-attrici ppremettiet illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha u konsegwentement z-zwieg huwa null liema premessa qeghda tirreferi ghall-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi fit-tielet premessa tac-citazzjoni, l-attrici ppremettiet illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat minhabba li nkiseb bi vjolenza morali u biza' liema premessa qeghda tirreferi ghall-**artikolu 19 (1) (a) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi **l-artikolu 19 (1) (a) u (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** jinqraw hekk kif gej:-

*"19 (1) B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, iz-zwieg ikun null –*

***(a)*** *jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bi vjolenza, sew fizika sew morali, jew biza';*

***(d)*** *jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anolomija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg".*

Illi din il-Qorti bhal brava Perit Legali Dr. Sandra Sladden ezaminat bir-reqqa il-provi mressqa mill-partijiet u ser tibda tezamina in-nullita ta' dan iz-zwieg fuq dak li jipprovdi l-**paragrafu (d) tas-sub-artikolu (1) tal-Artikolu 19 tal-Kap 255** li jghid illi z-zwieg ikun null jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anolomija

psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi kuif gie ritenut diversi drabi l-kunsens ta’ zewg persuni fir-rabta taz-zwieg jehtieg att volontarju li wiehed konxjament jinghaqad ma’ persuna ohra bl-intenzjoni li jghix hajtu kollha ma dik il-persuna u bejniethom jikkrejaw shubija fejn jaghtu lilhom infushom lil xulxin. Dan l-att jehtieg maturita’ ta’ hsieb u karattru tali li l-persuna li tidhol ghaz-zwieg taghraf il-*commitment* li jikkomporta z-zwieg, u cjoe’ *commitment*’ li tinvolvi partecipazzjoni attiva fil-hajja ta’ familja.

Illi mill-gurisprudenza kostanti ta’ dawn il-Qrati jidher car li l-kunsens moghti fil-kuntratt matrimonjali mhuwiex dak il-kunsens semplici rikjest fil-kuntratt in generali ghaliex il-kuntratt ta’ zwieg huwa wiehed *sui generis* u ta’ ordni pubbliku. Illi ghalhekk il-partijiet f’kuntratt ta’ zwieg mhux biss irid ikollhom il-kapacita’ li jaghtu l-kunsens, izda li l-istess irrid jigi moghti bl-aktar mod liberu u xjenti ghal dak kollu li tirrikjedi r-rabta taz-zwieg.

Illi fil-fatt jista’ jinghad li l-kuntratt taz-zwieg ghandu jigi apprezzat mhux biss bl-ghajnejn oggettivi tal-ligi, izda jrid isib s-sinifikat tieghu fir-relazzjonijiet ta’ koppja u l-iskop ahhari taz-zwieg, cjoe’ li tnejn min-nies jaghtu lilhom nfushom lil xulxin bl-eskluzjoni ta’ kollox u kulhadd. Meta ghalhekk ghal xi raguni jew ohra dak il-kunsens ma jkunx gie moghti bil-konoxxenza shiha ta’ dak li jgib mieghu z-zwieg, allura jinholoq dubju kemm dak il-kuntratt matrimonjali huwa wiehed validu.

*“Il-matrimonio, in quanto patto ossia foedus … richiede una capacita’ intelletuale e volitiva al di sopra di ogni altro contratto che e per lo meno rescindibile, in casi determinati dalla legge, richiede quindi una integrita’ di mente e di liberta’ dato che si tratta di assumersi una servitus per tutta la vita.” (**Forum** 1990. Vol 1, part 1, pg.72).*

Illi l-kuncett ta’ *discretio judicii* ma jirrikjedix maturita’ shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda

konoxxenza shiha ta’ dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cjoe’ ghall-obbligi u drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. *Inoltre*, il-partijiet irid ikollhom dik il-maturita’ affettiva u cjoe’ dak kollu li ghandu x’jaqsam ma’ l-emozzjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta’ xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b’xi mod nieqsa, allura hemm difett ta’ diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjesta mill-ligi.

Illi ghar-rigward tal-**artikolu 19 subinciz (1) paragrafu (d), *Dr. Abigail Attard***, fit-tezi taghha **“Grounds of Annulment of Marriage with special reference to Defects of a psychological nature in the light of the 1981 Amendments to the Marriage Act 1975”** tghid illi d-diskrezzjoni ta' gudizzju *“suppose not only maturity of intellect but also a maturity of the will, that is an ability to take decisions responsibly. A person must possess a critical faculty and internal freedom of choice in order to contract validly”* (pg 42).

Illi l-kliem fil-Ligi *“difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewwga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha”* jirreferu ghal uzu sufficjenti tal-kapacitajiet intelletwali u volatili, li wiehed ghandu jkollu biex jidhol ghaz-zwieg. Il-persuna trid tkun taf xi trid u trid tkun kapaci taghmel decizjoni hielsa u volontarja. Il-persuna trid tifhem u tixtieq l-implikazzjoni tal-kunsens taz-zwieg, irid ikun jaf x’inhuma d-drittijiet, dmirijiet u obligazzjonijiet essenzjali tal-hajja mizzewga.

Illi din Qorti diversament presjeduta fil-kawza fl-ismijiet **“Nicholas Agius vs Rita Agius nee Caruana”** (P.A. 25 ta’ Mejj 1995) affermat li:-

*“B’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju il-legislatur ma riedx ifisser sempliciment kwalsiasi stat ta’ immaturita li parti jew ohra fiz-zwieg tista tkun fiha fil-mument li jinghata il-kunsens reciproku. Li kieku l-legislatur irrikjeda maturita’ shiha u perfetta, ftit jew addiritura ebda zwieg ma kien ikun validu”.*

Illi l-kuncett ta’ diskrezzjoni tal-gudizzju fil-ligi civili jvarja xi ftit mill-kuncett kif espost fid-dritt kanoniku ghaliex mentri d-dritt kanoniku jirrikjedu xi forma ta’ difett psikologiku serju, fid-dritt kanoniku mhuwiex il-kaz.

Illi fis-sentenza moghtija mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **“Angela Spiteri Selvaggi vs Joseph Spiteri”** deciza fl-4 ta’ Novembru 1994**,** il-Qorti studjat fil-fond il-kuncett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju. F’din is-sentenza l-Qorti dahlet fil-fond f’dak li jghid ***Bersini*** fuq il-livell tad-diskrezzjoni tal-gudizzju rikjest biex jinghata kunsens matrimonjali validu:-

*“La discrezione di giudizio comprende la maturita’ di giudizio e la maturita affettiva … .La maturita’ di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all’atto da compiere, agli obblighi essenzjali da assumersi e ai diveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita’ affettiva comporta generalmente quella adeguata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita’ che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta’ e possono privare della libera scelta interiore….Per dare un valido consenso, non e’ sufficiente il grado di ragione col quale speculativamente una sappia che cosa e’ il matrimonio, e’ necessaria la maturita’ di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e’ necessaria la discrezione non tanto per l’atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell’atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro:* **(Il-Diritto Canonico Matrimoniale –** ***Bersini*** **– Torino 1994).**

Illi dan l-impenn ghall-futur jittraduci ruhu fl-obbligazzjonijiet essenzjali ghal hajja taz-zwieg, fosthom il-fedelta’ u fiducja, l-permanenza taz-zwieg, u fuq kollox il-*benessere* reciproku bejn il-mizzewgin, u cjoe’, dawk l-obbligazzjonijiet li minghajrhom unjoni ntima bejn il-konjugi fl-aspetti kollha taghha ma tistax issehh.

Illi dan ifisser illi l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita’ li taghmilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, id-dmirijiet u r-

responsabbiltajiet li ggib maghha l-hajja mizzewga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonjali taghhom.

Illi ghalkemm il-**Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta** ma jaghtix definizzjoni ta' x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzali, kif stqarret il-Qorti fis-sentenza fuq imsemmija, dawn huma dawk l-elemeni li dejjem gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewga u cjoe' dik l-unjoni permanenti, esklussiva u rrevokabbli, diretta ghal komunjoni ta' hajja u prokrejazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied.

Illi kif spjega il-gurista ***Bersini***:-

*"la discrezione di gudizio consta di due elementi distinti ma concorrenti e indipendenti: la piena avvertenza e il deliberato consenso. Solo quando l-individuo e' capace della piena comprensione morale e giuridica dell'atto che compie e della perfetta liberta' di elezione e deliberazione nel volerlo e attuarlo si puo' dire che egli l'abbia posto con la piena avvertenza e il deliberato consenso, cioe nel possesso della sufficiente discrezione di giudizio (***Bersini**, **F., Il-Diritto Canonico Matrimoniale, Elle Di Ci (Trino) 1994***,* pg.97*).*

Illi biex ikun hemm id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju jrid ikun hemm l-inkapacita' psikika, li mhux necessarjament timplika anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku jew kostituzzjonali, li wiehed jaghraf u jirrifletti u jiddeciedi liberament fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali. Kif fissret din l-Onorabbli Qorti f'diversi sentenzi (**"Isabelle Attard vs Stephen Attard"** P.A. 21 ta' Novembru 1195; **"Samuela Lea Pavia vs John Pavia"** P.A. 20 ta' Mejju 1996; **"Sandro Sciberras vs Janet Briffa gia' Sciberras"** P.A. 16 ta' Jannar 1998) dan id-difett ta' kunsens kif ravvizat fil-ligi taghna m'ghandux jigi ekwiparat ma' semplici nkompatibilta' ta' karattru, jew ma decizjoni zbaljata. F'dan ir-rigward huwa ferm rilevanti dak li osservat il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **"Janet Portelli vs Victor Portelli"** P.A. 14 t'Awissu 1995, fejn intqal hekk:

*"It seems that discretion of judgment or maturity of judgment can be lacking, if anyone of the following three conditions or hypothesis is verified; (1) when sufficient intellectual knowledge of the object of consent to be given in entering the marriage is lacking; (2) when the contracting party had not reached a sufficient amount of reflection that is proportionate to the conjugal affair, that is a critical reflection apt for the nuptial; (3) or finally when either party contracting marriage is deprived of internal freedom, that is, that capacity to deliberate with sifficient wieghing of the motives and, on the part of the will, freedom (autonomia) from all force from within".*

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Natasha Xuereb vs Randolph Xuereb"** deciza fis-26 ta' Novembru 2002 (P.A. (RCP) inghad li fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap.255** ta' x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, il-Qorti hi tal-fehma illi dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta' Maltija dejjem u nvarjabilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma *"the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children, and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with there essential characteristics* (***Viladrich, P.J.*** *op.cit*.p.687).

Illi l-Qorti terga' taghmel referenza ghall-espozizzjoni ta' ***Viladrich*** li jghid:-

*"Thus, there is a grave lack of discretion of judgment when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of*

*binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgement refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring"* (***Viladrich, P.J.*** **Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated** (Montreal, 1993), p.686).

**(iii) APPREZZAMENT TAL-PROVI.**

Illi stabbiliti dawn l-aspetti legali tal-kuncett ta' diskrezzjoni tal-gudizzju fuq il-hajja mizzewga u d-dmirijiet essenzjali taghha, din il-Qorti taqbel mal-konkluzjonijiet tal-perit legali fis-sens li mill-provi prodotti jirrizulta li kien hemm difett serju fil-kunsens kemm tal-attrici kif ukoll tal-konvenut. Min-naha tal-attrici l-provi kollha juru kjarament li ma kellhiex dik il-kapacita' rikjesta mill-ligi u mill-gurisprudenza taghna kif fuq spjegat, sabiex tassumi l-obbligi essenzjali taz-zwieg u hareg car li kellha difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha.

Illi infatti jirrizulta minn ezami tal-istess provi li l-kontendenti dahlu ghaz-zwieg minghajr preparazzjoni u riflessjoni ta' xejn. Il-kontendenti zzewgu ghax l-attrici nqabdet tqila u ma kellhiex ghazla ohra minhabba l-biza' li kellha minn ommha. Kienu ilhom jafu lil xulxin ghal disa' (9) xhur biss u ma kienux qedin johorgu flimkien bis-serjeta'.

Illi mix-xhieda mressqa johrog car li il-partijiet mhux biss ma kellhomx il-kapacita' li jaghtu l-kunsens, izda l-kunsens li taw ma nghatax b'mod liberu u xjenti ghal dak kollu li tirrikjedi r-rabta taz-zwieg. Il-kontendenti kienu ghadhom ta' eta' zghira u mohh ir-rih. Ma kienux jafu l-piz li jgib mieghu z-zwieg. It-tqala' tal-attrici u l-biza' taghha minn ommha kienu l-unika ragunijiet ghalfejn izzewgu. Fil-

fatt il-konvivenza tal-partijiet damet biss biss sena u disa' xhur peress li l-partijiet ma setghux jissaportu jghixu f'gidba, stante li jidher li qatt ma kellhom sentimenti ta' mhabba ghal xulxin, u wisq u wisq anqas kkomettew ruhhom ghal xulxin ghal hajja kollha taghhom.

Illi jidher li ghalhekk meta l-partijiet taw il-kunsens taghhom ghall-istes zwieg dan kien ivvizzjat peress li huma ma kellhomx dik il-maturita' affettiva u cjoe' dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozzjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Tant huwa minnu dan li ghalkemm l-attrici zzewget lill-konvenut, fil-verita' kien mohha f'guvni iehor li kien joghgobha.

Illi mix-xhieda mressqa jidher car li l-partijiet ma kellhomx dik il-maturita' li taghmilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha l-hajja mizzewga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonjali taghhom, anzi jidher li huma rreaggixxew ghat-tqala tal-attrici billi kkunsidraw li l-unika triq ghalihom issa li sehhet l-istess tqala' kienet biss li jizzewgu.

Illi da parti tal-konvenut, ghalkemm dan ma ressaqx provi, jidher car illi anki da parti tieghu ma kien hemm l-ebda *'commitment'* ghal dan iz-zwieg, u zzewweg biss ghaliex ma kellux alternattiva hlief li jaccetta dak li kien qed jigi ssugerit minnu minn kull naha. Fil-fatt il-partijiet izzewgu fi zmien tliet (3) xhur ghax hassew li ma kellhomx triq ohra.

Illi ghal dawn il-motivi l-Qorti taqbel mal-Perit Legali li z-zwieg celebrat bejn l-partijiet ghandu jigi dikjarat null u bla effett minhabba li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat *ai termini* tas-**sub-inciz (d) tal-Artikolu 19 (1) tal-Kap.155.**

Illi l-Qorti sejra tghaddi biex tezamina n-nullita' taz-zwieg *o meno* taht dawn iz-zewg artikoli separatament, u fl-ewwel lok, taht **l-artikolu 19 (1) (a) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** li jghid illi iz-zwieg ikun null jekk il-kunsens inkiseb bi vjolenza, sew fizika sew morali, jew biza'.

Illi l-Qorti fil-kawza **"Lorenza sive Laura Muscat xebba Borg vs Av Dr. Paul Micallef u P.L. John Privitera noe"** **(**P.A. 17 ta' Frar 1988) din il-Qorti diversament presjeduta sostniet li sabiex zwieg ikun invalidat fuq din il-premessa, u cjoe' **artikolu 19(1) (a)** l-biza' trid ikun ta' certu gravita', pero' jista' jkun assolut jew relattiv. Il-biza' tkun assoluta meta tkun tant gravi illi ggieghel bniedem normali jibza' tant li jidhol fiz-zwieg kontra l-volonta' tieghu. Ezempji ta' dan hu meta jkun hemm theddid ta' qtil. Il-biza' tkun relattiva meta tkun tali li jekk imposta fuq persuna timida jirrizulta f'biza' li hija relattivament gravi.

Illi fil kaz **"Tanya Curmi vs Charles Curmi"** (P.A. - 18 ta' Mejju 1988) il-Qorti affermat li *"in order to be considered as a vice of consent, regard must be had not only to the gravity of such fear, but also to the character and condition of the person subjected to the fear"*.

Illi pero', kif ighidu l-awturi ***L. Wrenn***, u ***Brown R.*** *"there must also be some objective gravity that is at least prudently feared."* Ghalkemm wiehed irid iqis biza' b'mod soggettiv, ma jistax jigi minsi l-aspett oggettiv tal-gravita' tal-biza'.

Illi ghal definizzjoni ta' biza' qed issir hawn referenza ghad-decizjoni **"Mary Lourdes Spiteri vs Christian sive Cristino Spiteri"**, (P.A. (FDP) - 6 ta' Lulju 1993, fejn il-Qorti qalet hekk:-

*"Ghal dak li jirrigward l-biza din tista tigi definita fi trepidazzjoni jew ecitament kbir fil-mohh li jigi kawzat minn xi ncident jew haga kemm ta' dak il-hin, kemm minn haga li tista' tigri fil-futur. Dan it-tahwid fil-mohh irid ikun tali li jaffettwa l-mohh ta' min qieghed jaghti l-kunsens u li jaghtih biex jevita dak li qieghed jigrilu jew dak li jista jigrilu".*

Illi fil-kawza **"Josephine Drew xebba Cutajar vs Dr. Thomas Abela u P.L. Charles Vassallo noe"** (P.A. (FDP) - 12 ta' Marzu 1992, il-Qorti ddefiniet *'biza'* bhala *"dik l-offiza li titwettaq kontra il-liberta, hekk li, precizament*

*minhabba din il-biza', 'quis cogatur ad contrahendum matrimonium".*

Illi fil-kaz **"Mary mart Gaetano Bilocca vs Gaetano Bilocca"**, (P.A. (FDP) - 16 ta' Mejju 1990 il-Qorti qalet li biza' hija *"the effect, which force, whether physical or moral, induces in the mind of the future spouse".*

Illi fil-kaz **"Joseph D'Ugo vs Rita D'Ugo"** (P.A. (FDP) 28 ta' Gunju 1994, il-Qorti qalet hekk:-

*"Il-biza' tirrizulta minn tliet elementi. Fl-ewwel lok, trid tkun gravi; fit-tieni lok, il-persuna li qed jezercitaha jrid ikun kapaci, presumevolment li jesegwixxi dak li qed ihedded li jaghmel; u fit-tielet lok, il-biza' trid tkun il-mottiv principali ghaliex il-persuna tasal li tizzewweg, biex tevita l-konsegwenzi tat-theddid".*

Illi wara li hadet in konsiderazzjoni l-provi kollha prodotti mill-partijiet fir-rigward, din il-Qorti bhal Perit Legali hi tal-fehma li l-fattispecie tal-kaz odjern jurui li kien hemm biza' gravi min-naha tal-attrici fil-konfront ta' ommha. Din it-tensjoni u biza' nhasset, skond il-Perit Legali, anke meta giet tixhed *viva-voce* omm l-attrici. Illi di fatti x-xhieda kollha jikkonfermaw li omm l-attrici hija bniedma stretta hafna, rasha iebsa u mohhha f'dak li jghidu n-nies. Oht l-attrici stess qalet li huma qatt ma kienu jazzardaw jisfidaw lill-genituri. Anki oht l-attrici xehdet illi kienet inqabdet tqila u ma kellhiex ghazla ohra hlief li tizzewweg.

Illi anke habiba ntima tal-attrici xehdet li meta l-attrici nqabdet tqila', dina ma kelliex ghazla ohra hlief li tizzewweg, anke jekk kontra x-xewqa taghha. L-attrici ma kellhiex l-liberta' li taghzel dak li riedet. Dawn ic-cirkostanzi huma kkonfermati minn omm l-attrici stess li xehdet li meta saret taf li l-attrici tqila, inqala' *"pandimonju shih id-dar".* Min-naha ta' missier l-attrici, jidher illi l-unika parir li ta kien li taghmel abbort u fortunatament l-attrici ma semghetx minnu.

Illi ghalhekk jirrizulta li kienu taht dawn ic-cirkostanzi li l-attrici zzewget, cirkostanzi li jindikaw pressjoni serja u

attiva' li saret minn omm l-attrici fuqha, li litteralment ghalqet il-bibien ta' ghazliet ohra li setghet taghmel l-attrici, peress li kien imbezza' minn ommha, u qatt ma kellha l-kapacita' f'dak l-istadju tal-hajja taghha, li tmur kontra l-istess.

Illi ghalhekk hija l-opinjoni ta' din il-Qorti li meta wiehed janalizza c-cirkostanzi kollha tal-kaz odjern fid-dawl ta' dak li sostnew il-Qrati taghna kif fuq deskritt, jirrizulta li bhala fatt f'dan il-kaz kienet tezisti biza' relattiva fil-mument taz-zwieg, u dan dejjem qed jinghad ukoll fl-isfond ta' l-eta' zghira tal-attrici u l-karattru difficli hafna u strett ta' omm l-attrici.

Illi ghalhekk il-konkluzjoni ta' din il-Qorti hija li fil-mument meta nghata l-kunsens taz-zwieg, il-biza' tal-attrici kien tali li kien insuperabbli ghaliha. Il-vjolenza morali u l-biza' jridu jkunu ngusti, gravi u determinatni, elementi li kollha rrizultaw f'dan il-kaz.

Illi ghalhekk abbazi tal-provi migbura u tal-konsiderazzjonijiet premessi jirrizulta li t-talba attrici ghandha tigi milqugha abbazi tal-**artikolu 19 (1) (a) u (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenut, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

(1) Tiddikjara li z-zwieg bejn il-kontendenti celebrat fis-17 ta' Marzu 1991 huwa null u bla effett *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (a) u (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Bl-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------